IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.5.2025
COM(2025) 239 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

## dwar l-applikazzjoni fl-2024 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

# Werrej


1. Introduzzjoni ..... 2
2. L-informazzjoni u d-dokumenti jsiru disponibbli online u fir-reġistri ..... 3
3. Analiżi tal-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti ..... 4
   3.1. L-għadd ta' applikazzjonijiet (Anness – Tabelli 3 u 4) ..... 4
   3.2. Applikazzjonijiet riċevuti mid-Direttorat Ġenerali jew mis-Servizz (Anness – Tabella 5) ..... 5
4. Eċċezzjonijiet għad-dritt għal aċċess ..... 7
   4.1. Livell ta' aċċess mogħti għad-dokumenti mitluba (Anness – Tabelli 8 u 9) ..... 7
   4.2. Eċċezzjonijiet applikati għad-dokumenti mitluba (Anness – Tabella 10) ..... 8
5. Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew ..... 8
6. Ġurisprudenza ġdida dwar l-aċċess għad-dokumenti ..... 9
   6.1. Il-Qorti tal-Ġustizzja ..... 9
      6.1.1. Kjarifiki ta' regoli sostantivi ..... 9
   6.2. Il-Qorti Ġenerali ..... 9
      6.2.1. Kjarifiki ta' regoli sostantivi ..... 10
      6.2.2. Kjarifiki tar-regoli proċedurali ..... 11
6.3. Kawżi ġodda tal-Qorti introdotti kontra l-Kummissjoni Ewropea ..... 11

## 1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport annwali huwa abbozzat f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001[1] dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament (KE) Nru 1049/2001"). Dan jispjega kif il-Kummissjoni Ewropea implimentat ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fl-2024 abbażi ta' data statistika[2] miġbura fil-qosor fl-Anness. Huwa jibbaża wkoll fuq is-sejbiet tal-Ombudsman Ewropew dwar l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u d-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati tal-UE.

It-trasparenza, l-integrità u r-responsabbiltà huma l-prerekwiżiti essenzjali tad-demokrazija bbażata fuq l-istat tad-dritt. Dawn huma prinċipji ewlenin għall-promozzjoni ta' governanza tajba u għall-bini tal-fiduċja fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, filwaqt li jissaħħu l-leġittimità u l-kredibbiltà tal-istituzzjonijiet pubbliċi. Minbarra l-Linji Gwida Politiċi[3], il-parti ġenerali tal-ittri ta' missjoni lill-Kummissarji[4] torbot lill-Kulleġġ mal-prinċipji ta' ftuħ u trasparenza fir-relazzjonijiet tiegħu mal-koleġiżlaturi, mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u mal-pubbliku. Is-salvagwardja tad-dritt taċ-ċittadini għall-aċċess għad-dokumenti kienet pedament tal-wegħda tal-Kummissjoni Ewropea għat-trasparenza skont il-mandat[5] preċedenti u tibqa' parti integrali mill-prijoritajiet tal-2024-2029[6]. L-istatistika dwar dokumenti kompletament jew parzjalment divulgati, dettaljata fil-Kapitolu 4, turi l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li tippermetti lill-pubbliku jeżerċita d-dritt tiegħu għall-aċċess għad-dokumenti, bħala parti mill-politika usa' ta' trasparenza.

Fl-4 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Regoli ta' Proċedura l-ġodda tagħha[7]. Ir-regoli dettaljati riveduti għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 huma stabbiliti fl-Anness tagħhom sabiex jittejbu ċ-ċarezza, il-prevedibbiltà u l-konsistenza tal-politika tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti. L-Artikolu 3 tal-Anness ikompli jtejjeb it-trasparenza proattiva billi jelenka kategoriji ta' dokumenti li għandhom ikunu direttament aċċessibbli għall-pubbliku.

Fil-Kummissjoni Ewropea, l-applikazzjonijiet inizjali għall-aċċess għad-dokumenti jiġu ttrattati fuq bażi deċentralizzata minn kull dipartiment tal-Kummissjoni. Fl-2024, kien hemm 6 938 applikazzjoni inizjali. L-għadd ta' applikazzjonijiet konfermatorji, fejn l-applikanti

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni; ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

2 Il-perċentwali huma ttondjati lejn l-eqreb pożizzjoni deċimali. L-istatistika tinkludi, *inter alia*, l-għadd ta' applikazzjonijiet riċevuti u t-tweġibiet ipprovduti fl-2024. Dawn jipprovdu data aktar preċiża milli kien possibbli fis-snin preċedenti, wara kontrolli u korrezzjonijiet regolari. Għal din ir-raġuni, iċ-ċifri pprovduti f'dan ir-rapport u dawk preċedenti jistgħu jvarjaw xi ftit.

3 https://commission.europa.eu/document/download/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_mt

4 https://commission.europa.eu/about/organisation/college-commissioners_en

5 https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/new-push-european-democracy_mt

6 https://commission.europa.eu/priorities-2024-2029/democracy-and-our-values_mt

7 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3080 tal-4 ta' Diċembru 2024 li tistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni u li temenda d-Deċiżjoni C(2000) 3614 (ĠU L, 2024/3080, 5.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3080/oj).

jitolbu rieżami tat-tweġibiet inizjali li jirrifjutaw l-aċċess parzjalment jew kompletament, laħaq is-641.

L-applikazzjonijiet konfermatorji jiġu ttrattati ċentralment mill-Unità tas-Segretarjat Ġenerali għat-Trasparenza, il-Ġestjoni tad-Dokumenti u l-Aċċess għad-Dokumenti, biex jiġi żgurat rieżami indipendenti tat-tweġibiet mogħtija fl-istadju inizjali. Din l-Unità timmaniġġja wkoll l-EASE (Electronic Access to European Commission Documents)[8], is-sistema tal-IT tal-Kummissjoni Ewropea kollha għat-trattament tal-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti.

Id-dipartimenti tal-Kummissjoni huma appoġġati mis-Servizz tal-Arkivji Storiċi (HAS, Historical Archives Service), li huwa involut f'kawżi meta l-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti huma relatati mal-arkivji tal-Kummissarji preċedenti u l-Kabinetti tagħhom. Fl-2024, l-HAS ipprovda assistenza fi 344 kawża, l-aktar lis-Segretarjat Ġenerali (99) u lid-Direttorati Ġenerali: għall-Azzjoni Klimatika (46); għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (32); għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (21); u għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (19).

## 2. L-INFORMAZZJONI U D-DOKUMENTI JSIRU DISPONIBBLI ONLINE U FIR-REĠISTRI

Il-Kummissjoni Ewropea tippubblika b'mod proattiv firxa wiesgħa ta' dokumenti legali, ta' politika, amministrattivi u dokumenti oħra fuq siti web u reġistri differenti[9]. Ħafna dokumenti bħal dawn huma disponibbli fir-Reġistru tad-Dokumenti tal-Kummissjoni (RegDoc), fir-Reġistru tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni u f'reġistri korporattivi oħra ġestiti mis-Segretarjat Ġenerali. Oħrajn huma disponibbli fuq siti web ġestiti mid-Direttorati Ġenerali jew fuq il-EUR-Lex[10].

Fl-2024, żdiedu 11 276 dokument ġdid mar-RegDoc (ara l-Anness – Tabella 1), fil-kategoriji li ġejjin: C, COM, JOIN, OJ, P, PV, SEC jew SWD[11].

Fl-2024, l-għadd ta' żjarat tal-paġna laħaq 7 489 għas-sit web "Aċċess għad-Dokumenti" fuq *Europa*[12], 15 007 għall-portal pubbliku EASE[13], u 74 259 għar-RegDoc[14].

---

8 "Aċċess Elettroniku għad-Dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea"; https://ec.europa.eu/transparency/documents-request/home

9 https://commission.europa.eu/about-european-commission/service-standards-and-principles/transparency/access-documents/how-access-commission-documents_mt.

10 https://eur-lex.europa.eu/

11 C – Atti awtonomi tal-Kummissjoni, inklużi atti delegati u ta' implimentazzjoni, tipi oħra ta' deċiżjonijiet eċċ.; COM – Proposti, rakkomandazzjonijiet, komunikazzjonijiet, rapporti tal-Kummissjoni, eċċ.; JOIN – Atti Konġunti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli; OJ – Aġendi tal-laqgħat tal-Kummissjoni; P – Deċiżjonijiet tal-President tal-Kummissjoni; PV – Minuti tal-laqgħat tal-Kummissjoni; SEC – Dokumenti tal-Kummissjoni li ma jistgħux jiġu kklassifikati f'xi waħda mis-serji l-oħra; SWD – Dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni.

12 https://commission.europa.eu/about-european-commission/service-standards-and-principles/transparency/access-documents/how-access-commission-documents_mt

13 https://ec.europa.eu/transparency/documents-request/home

14 https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/

## 3. ANALIŻI TAL-APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI

### 3.1. L-għadd ta' applikazzjonijiet[15] (Anness – Tabelli 3 u 4)

Kif innutat hawn fuq, saru 6 938 applikazzjoni inizjali għall-aċċess għad-dokumenti fl-2024. Il-Kummissjoni pprovdiet 5 542 tweġiba skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u 6 863 tweġiba b'kollox[16].




Kien hemm 641 applikazzjoni konfermatorja fl-2024, żieda ta' 7 % mill-2023. Il-Kummissjoni pprovdiet 305 tweġiba skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u 514-il tweġiba b'kollox.

[15] L-istatistika dwar il-profil soċjali u okkupazzjonali u l-oriġini ġeografika tal-applikanti hija pprovduta fit-Tabelli 6 u 7 fl-Anness.

[16] Talba waħda tista' tikkonċerna diversi dokumenti miżmuma minn dipartimenti differenti tal-Kummissjoni u konsegwentement twassal għal diversi tweġibiet differenti. Min-naħa l-oħra, xi drabi diversi talbiet jistgħu jingħabru flimkien u jagħtu lok għal tweġiba waħda. L-għadd ta' tweġibiet jinkludi t-tipi kollha ta' segwitu pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea, li jestendu mit-tweġibiet ipprovduti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 (inkluż meta ma jinżamm l-ebda dokument) għat-tweġibiet ipprovduti taħt oqfsa legali differenti (minħabba l-kontenut tal-applikazzjoni jew l-istatus tal-applikant, eċċ.) jew l-għeluq wara n-nuqqas tal-applikanti li jipprovdu l-kjarifika mitluba jew li jissodisfaw ir-rekwiżiti proċedurali. F'568 kawża, il-Kummissjoni kkonfermat li ma kellha l-ebda dokument li jikkorrispondi għad-deskrizzjoni mogħtija fit-talba.




### 3.2. Applikazzjonijiet riċevuti mid-Direttorat Ġenerali jew mis-Servizz (Anness – Tabella 5)[17]

Fl-2024, is-Segretarjat Ġenerali rċieva l-ogħla proporzjon ta' applikazzjonijiet inizjali (11,2 %). Dan kien segwit mid-Direttorati Ġenerali: għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (10,5 %); għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (8 %); għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (6,9 %); għall-Viċinat Ewropew u n-Negozjati għat-Tkabbir (5,4 %); għall-Ambjent (5,2 %); u għas-Sħubijiet Internazzjonali (5,2 %). Kull wieħed mid-dipartimenti l-oħra kien jirrappreżenta inqas minn 5 % tal-applikazzjonijiet inizjali kollha.

[17] Id-data għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, Office de Lutte Anti-Fraude) tinkludi applikazzjonijiet għall-aċċess għal dokumenti relatati mal-attivitajiet amministrattivi tiegħu, li huma rreġistrati fl-istess sistema tal-IT li tintuża minn dipartimenti oħra tal-Kummissjoni Ewropea (EASE). Dan ir-rapport ma jkoprix applikazzjonijiet għall-aċċess għal dokumenti li jikkonċernaw l-attivitajiet investigattivi tal-OLAF. Mill-ħolqien tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), id-dokumenti tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI, Foreign Policy Instruments) biss jinżammu mill-Kummissjoni Ewropea. L-istatistika dwar l-FPI tinkludi xi applikazzjonijiet inizjali riċevuti mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF, European Peace Facility). L-EPF hija strument barra l-baġit li jsaħħaħ il-kapaċità tal-UE li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà globali. Skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2011, il-Kummissjoni Ewropea aċċettat li timplimenta r-rwoli ta' amministratur, uffiċjal tal-kontabiltà u awditur intern għall-miżuri ta' assistenza tal-EPF. Żewġ applikazzjonijiet inizjali bħal dawn ġew ippreżentati lill-Kummissjoni fir-rwol tagħha bħala amministratur għall-miżuri ta' assistenza fl-2024. It-tweġibiet konfermatorji huma adottati mill-Kumitat tal-Faċilità tal-EPF. Għalhekk, dan ir-rapport ma jkoprix it-tweġibiet ipprovduti mill-EPF fl-istadju konfermatorju.




Fl-2024, l-ogħla proporzjon ta' applikazzjonijiet konfermatorji ġew sottomessi f'kawżi ttrattati fl-istadju inizjali mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (9,8 %). Dan kien segwit mid-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (8,4 %); id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat Ewropew u n-Negozjati għat-Tkabbir (8,4 %); is-Segretarjat Ġenerali (8,3 %); id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (8,3 %); id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni (5 %); u d-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (5 %). Kull wieħed mid-dipartimenti l-oħra kien jirrappreżenta inqas minn 5 % tal-applikazzjonijiet konfermatorji kollha.



## 4. EĊĊEZZJONIJIET GĦAD-DRITT GĦAL AĊĊESS[18]

Id-dritt ta' aċċess previst fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 huwa soġġett għal diversi eċċezzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' aċċess għal dokument, sħiħ jew parzjali, trid tkun iġġustifikata skont mill-inqas waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet.

### 4.1. Livell ta' aċċess mogħti għad-dokumenti mitluba (Anness – Tabelli 8 u 9)







[18] L-applikazzjonijiet individwali jistgħu jikkonċernaw diversi dokumenti jew fajls sħaħ dwar suġġett jew proċedura speċifika. L-istatistika fir-rapporti annwali preċedenti, estratta mis-sistema GestDem dekummissjonata, ma kinitx tirrifletti l-għadd ta' dokumenti mitluba. Bis-saħħa tad-disinn tal-EASE, iċ-ċifri fil-Kapitolu 4 ta' dan ir-rapport jirriflettu d-dokumenti mitluba f'kawżi ttrattati fl-EASE u magħluqa fl-2024.

4.2. Eċċezzjonijiet applikati għad-dokumenti mitluba[19] (Anness – Tabella 10)







## 5. ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

Fl-2024, l-Ombudsman Ewropew fetaħ 115 inkjesta ġdida f'każijiet li jinvolvu lill-Kummissjoni Ewropea fejn l-aċċess għad-dokumenti kien jew il-parti ewlenija jew sussidjarja

[19] Abbażi tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

tal-ilment, u għalaq 111 ilment[20]. L-Ombudsman Ewropew sab każijiet ta' amministrazzjoni ħażina f'10 każijiet[21]. Il-101 każ li jifdal ingħalqu mingħajr kummenti.

## 6. ĠURISPRUDENZA ĠDIDA DWAR L-AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI

### 6.1. Il-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-2024, il-Qorti tal-Ġustizzja ħarġet tliet sentenzi[22] u digriet wieħed[23] dwar appelli li jikkonċernaw id-dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fejn il-Kummissjoni Ewropea kienet parti fil-proċedimenti.

Hija ċaħdet l-appell fi tliet kawżi[24]. F'kawża minnhom, hija annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali u annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea[25].

#### *6.1.1. Kjarifiki ta' regoli sostantivi*

Fl-2024, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat aktar il-kunċett ta' interess pubbliku prevalenti[26].

### 6.2. Il-Qorti Ġenerali

Fl-2024, il-Qorti Ġenerali ħarġet 11-il sentenza[27] u sitt digrieti[28] fi proċedimenti li għalihom il-Kummissjoni Ewropea kienet parti fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar id-dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

---

[20] L-istatistika tkopri l-każijiet tal-Ombudsman Ewropew għad-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni Ewropea, ħlief l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi.

[21] L-Ombudsman ikkunsidra li d-dewmien fl-għoti ta' tweġiba lill-applikant kien jammonta għal amministrazzjoni ħażina fil-każijiet 2103/2022 (https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/en/62871), 409/2023 (https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/en/63458) u 569/2023 (https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/en/63642). L-Ombudsman qieset li r-rifjut li jingħata aċċess (usa') lill-pubbliku kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina fil-każijiet 2089/2023 (https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/en/65141), 2347/2023 (https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/en/65397), 2421/2023 (https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/en/65469), 177/2024 (https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/en/65697) u 833/2024 (https://www.ombudsman.europa.eu/en/case/en/66353). Barra minn hekk, l-Ombudsman qies li kien hemm amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni fil-mod kif hija ttrattat it-talbiet għal aċċess pubbliku fil-kawżi 208/2024 (https://www.ombudsman.europa.eu/mt/case/mt/65730) u 363/2024 (https://www.ombudsman.europa.eu/mt/case/mt/65877).

[22] Is-Sentenzi tad-29 ta' Lulju 2024, *Validity* vs *Il-Kummissjoni*, C-51/23 P, EU:C:2024:664; tal-5 ta' Settembru 2024, *ClientEarth* vs *Il-Kummissjoni*, C-249/23 P, EU:C:2024:691; tal-5 ta' Marzu 2024, *Public.Resource.Org u Right to Know* vs *Il-Kummissjoni et*, C-588/21 P, EU:C:2024:201.

[23] Id-Digriet tal-11 ta' Jannar 2024, *BonSens.org* vs *Stevi et*, C-634/23 P(I), EU:C:2024:43.

[24] Is-Sentenzi f'*Validity* vs *Il-Kummissjoni*, C-51/23 P, *op.cit.*; *ClientEarth* vs *Il-Kummissjoni*, C-249/23 P, *op.cit.*; u d-digriet f'*BonSens.org* vs *Stevi et*, C-634/23 P(I), *op.cit.*

[25] Is-Sentenza f'*Public.Resource.Org u Right to Know* vs *Il-Kummissjoni et*, C-588/21 P, *op.cit.*

[26] Sentenzi f'*ClientEarth* vs *Il-Kummissjoni*, C-249/23 P, *op.cit.* il-punti 51, 54-68; *Public.Resource.Org u Right to Know* vs *Il-Kummissjoni et*, C-588/21 P, *op.cit.* il-punti 68-85.

[27] Is-Sentenzi tal-10 ta' Lulju 2024, *L-Ungerija* vs *Il-Kummissjoni*, T-104/22, EU:T:2024:467; tat-13 ta' Novembru 2024, *Pesticide Action Network Europe* vs *Il-Kummissjoni*, T-104/23, EU:T:2024:823; tat-13 ta' Novembru 2024, *Kargins* vs *Il-Kummissjoni*, T-110/23, EU:T:2024:805; tal-20 ta' Marzu 2024, *Acampora et* vs *Il-Kummissjoni*, T-261/23, EU:T:2024:191; tal-25 ta' Settembru 2024, *British American Tobacco Polska Trading* vs *Il-Kummissjoni*, T-311/23, EU:T:2024:645; tat-2 ta' Ottubru 2024, *TotalEnergies Marketing Nederland* vs *Il-Kummissjoni*, T-332/22, EU:T:2024:660; tal-25 ta' Settembru 2024, *Herbert Smith Freehills* vs *Il-Kummissjoni*, T-570/22, EU:T:2024:644; tal-24 ta' Jannar 2024, *Veritas* vs *Il-Kummissjoni*, T-602/22, EU:T:2024:26; tat-2 ta' Ottubru 2024, *Soares* vs *Il-Kummissjoni*, T-606/23, EU:T:2024:667; tas-17 ta' Lulju 2024, *Auken et* vs *Il-Kummissjoni*, T-689/21, EU:T:2024:476; tas-17 ta' Lulju 2024, *Courtois et* vs *Il-Kummissjoni*, T-761/21, EU:T:2024:477.

Ir-rikors għal annullament ġie miċħud f'ħames kawżi[29]. F'erba' kawżi, il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea u ċaħdet il-kumplament tar-rikors[30]. Fi tliet kawżi, hija ddikjarat li ma kienx għad hemm ħtieġa li tingħata deċiżjoni[31]. F'żewġ kawżi, hija ordnat it-tneħħija tal-kawża mir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali[32].

F'kawża minnhom, hija ddikjarat li ma kienx għad hemm ħtieġa li tingħata deċiżjoni dwar il-pretensjoni għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni Ewropea, ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli sa fejn fittxet l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba inizjali għal aċċess, u ċaħdet il-kumplament tar-rikors[33].

F'kawża minnhom, hija ddikjarat li ma kienx għad hemm ħtieġa li tingħata deċiżjoni dwar il-pretensjoni għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni Ewropea, annullat parzjalment id-deċiżjoni espliċita tal-Kummissjoni Ewropea, u ċaħdet il-kumplament tar-rikors[34].

F'kawża minnhom, hija ddikjarat li ma kienx għad hemm ħtieġa li tingħata deċiżjoni dwar il-pretensjoni għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni Ewropea u ċaħdet il-kumplament tar-rikors[35].

#### *6.2.1. Kjarifiki ta' regoli sostantivi*

Fl-2024, il-kjarifiki sostantivi maħruġa mill-Qorti Ġenerali kienu jirrigwardaw l-applikazzjoni ta' eċċezzjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data personali[36], tal-interessi kummerċjali[37], tal-proċedimenti tal-qorti[38], u tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet[39].

Il-Qorti Ġenerali għamlet kjarifiki ulterjuri għall-kunċetti ta' bażijiet tad-data[40], interess pubbliku prevalenti[41], żvelar mhux awtorizzat[42], u l-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità[43].

---

[28] Id-Digrieti tal-20 ta' Awwissu 2024, *Oberlin* vs *Il-Kummissjoni*, T-194/24; tat-18 ta' Jannar 2024, *Del Valle Ruiz et* vs *SRB*, T-514/18; tat-22 ta' April 2024, *Mylan Ireland* vs *Il-Kummissjoni*,T-585/23; tat-2 ta' Diċembru 2024, *Shopper Union France u Azalbert* vs *Il-Kummissjoni*, T-1071/23, EU:T:2024:887; tal-1 ta' Lulju 2024, *Smart Kid* vs *Il-Kummissjoni*, T-1130/23; tat-8 ta' Mejju 2024, *Huhtamaki Holding* vs *Il-Kummissjoni*, T-1145/23.

[29] Is-Sentenzi fl-*Ungerija* vs *Il-Kummissjoni*, T-104/22, *op.cit*.; *Pesticide Action Network Europe* vs *Il-Kummissjoni*, T-104/23, *op.cit*.; *TotalEnergies Marketing Nederland* vs *Il-Kummissjoni*, T-332/22, *op.cit*.; *Veritas* vs *Il-Kummissjoni*, T-602/22, *op.cit*.; *Soares* vs *Il-Kummissjoni*, T-606/23, *op.cit*.

[30] Is-Sentenzi f'*Kargins* vs *Il-Kummissjoni*, T-110/23, *op.cit*.; *British American Tobacco Polska Trading* vs *Il-Kummissjoni*, T-311/23, *op.cit*.; *Herbert Smith Freehills* vs *Il-Kummissjoni*, T-570/22, *op.cit*.; *Auken et* vs *Il-Kummissjoni*, T-689/21, *op.cit*.

[31] Id-Digrieti f'*Oberlin* vs *Il-Kummissjoni*, T-194/24, *op.cit*.; *Shopper Union France u Azalbert* vs *Il-Kummissjoni*, T-1071/23, *op.cit*.; *Smart Kid* vs *Il-Kummissjoni*, T-1130/23, *op.cit*.

[32] Id-Digrieti f'*Del Valle Ruiz et* vs *SRB*, T-514/18, *op.cit*.; *Huhtamaki Holding* vs *Il-Kummissjoni*, T-1145/23, *op.cit*.

[33] Is-Sentenza f'*Acampora et* vs *Il-Kummissjoni*, T-261/23, *op.cit*.

[34] Is-Sentenza f'*Courtois et* vs *Il-Kummissjoni*, T-761/21, *op.cit*.

[35] Id-Digriet f'*Mylan Ireland* vs *Il-Kummissjoni*, T-585/23, *op.cit*.

[36] Is-Sentenza fi *Courtois et* vs *Il-Kummissjoni*, T-761/21, *op.cit*. il-punti 65, 68-73, 84-86, 89-91.

[37] Is-Sentenzi f'*Auken et* vs *Il-Kummissjoni*, T-689/21, *op.cit*. il-punti 162-166, 183-186; *Courtois et* vs *Il-Kummissjoni*, T-761/21, *op.cit*. il-punti 159-172.

[38] Is-Sentenzi f'*Pesticide Action Network Europe* vs *Il-Kummissjoni*, T-104/23, *op.cit*. il-punt 49; *Veritas* vs *Il-Kummissjoni*, T-602/22, *op.cit*. il-punti 70-71.

[39] Is-Sentenza f'*L-Ungerija* vs *Il-Kummissjoni*, T-104/22, *op.cit*. il-punti 84-94, 97-100, 116-118, 121-127, 139-140.

[40] Is-Sentenzi fi *British American Tobacco Polska Trading* vs *Il-Kummissjoni*, T-311/23, *op.cit*. il-punti 46-48, 53-54, 80-82; *Herbert Smith Freehills* vs *Il-Kummissjoni*, T-570/22, *op.cit*. il-punti 45-46, 53-56, 74-77.

### *6.2.2. Kjarifiki tar-regoli proċedurali*

Il-kwistjonijiet proċedurali ewlenin li l-Qorti Ġenerali ċċarat fl-2024 kienu jikkonċernaw konsultazzjonijiet mal-Istati Membri[44] u l-possibbiltà li jiġu identifikati kategoriji ta' dokumenti meta tapplika preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità[45].

## 6.3. Kawżi ġodda tal-Qorti introdotti kontra l-Kummissjoni Ewropea

Fl-2024, tressqu 23 kawża li jinvolvu lill-Kummissjoni Ewropea quddiem il-Qrati tal-UE fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw id-dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Minn dawn it-23 kawża, tressqu 19-il kawża quddiem il-Qorti Ġenerali[46], li waħda minnhom ingħalqet fl-2024 permezz tad-digriet imsemmi iktar 'il fuq[47].

B'mod parallel, tressqu tliet appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra sentenzi mogħtija mill-Qorti Ġenerali f'kawżi fejn il-Kummissjoni Ewropea kienet parti fil-proċedimenti[48]. F'wieħed minn dawn l-appelli, il-Kummissjoni ressqet talba għal miżuri provviżorji li tikkonsisti fis-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' parti mis-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali[49].

---

41 Is-Sentenzi f'*Acampora et* vs *Il-Kummissjoni*, T-261/23, *op.cit*. il-punti 58-64; *Soares* vs *Il-Kummissjoni*, T-606/23, *op.cit*. il-punti 59-71; *Auken et* vs *Il-Kummissjoni*, T-689/21, *op.cit*. il-punt 223.

42 Is-Sentenzi f'*Acampora et* vs *Il-Kummissjoni*, T-261/23, *op.cit*. il-punt 40-41; *Auken et* vs *Il-Kummissjoni*, T-689/21, *op.cit*. il-punti 114-115.

43 Is-Sentenzi fi *Acampora et* vs *Il-Kummissjoni*, T-261/23, *op.cit*. il-punti 32-35, 38, 50-56, 76-79; *Soares* vs *Il-Kummissjoni*, T-606/23, *op.cit*. il-punti 46-56.

44 Is-Sentenza f'*L-Ungerija* v *Il-Kummissjoni*, T-104/22, *op.cit*. il-punti 27-30, 43-52; *Veritas* vs *Il-Kummissjoni*, T-602/22, *op.cit*. il-punti 23-25, 49-50.

45 Is-Sentenza f'*TotalEnergies Marketing Nederland* vs *Il-Kummissjoni*, T-332/22, *op.cit*. il-punt 57.

46 Il-Kawżi *Reverbel* vs *Il-Kummissjoni*, T-178/24; *NOVIS* vs *Il-Kummissjoni*, T-185/24; *Oberlin* vs *Il-Kummissjoni*, T-194/24; *Zalando* vs *Il-Kummissjoni*, T-203/24; *Caronte & Tourist Isole Minori* vs *Il-Kummissjoni*, T-208/24; *Huhtamaki Holding* vs *Il-Kummissjoni*, T-225/24; *Smart Kid* vs *Il-Kummissjoni*, T-227/24, *Zver* vs *Il-Kummissjoni*, T-235/24; *Smart Kid* vs *Il-Kummissjoni*, T-337/24, *Compass-Datenbank* vs *Il-Kummissjoni*, T-350/24; *Molitorisová* vs *Il-Kummissjoni*, T-353/24; *Batchelor* vs *il-Kummissjoni*, T-433/24 ; *APEDA u O'Connor* vs *Il-Kummissjoni*, T-458/24; *Pech* vs *Il-Kummissjoni*, T-485/24; *Reclaim u Martínez González* vs *Il-Kummissjoni*, T-546/24; *Public.Resource.Org u Right to Know* vs *Il-Kummissjoni*, T-580/24; *Public.Resource.Org u Right to Know* vs *Il-Kummissjoni*, T-581/24; *Compass-Datenbank* vs *Il-Kummissjoni*, T-594/24; *International Electrotechnical Commission u ISO* vs *Il-Kummissjoni*, T-631/24.

47 Il-Kawża *Oberlin* v *Il-Kummissjoni*, T-194/24, *op.cit*.

48 Il-Kawżi *Il-Kummissjoni* vs *Auken et*, C-631/24 P; *Il-Kummissjoni* vs *Courtois et*, C-632/24 P; *L-Ungerija* vs *Il-Kummissjoni*, C-641/24 P.

49 Il-Kawża *Il-Kummissjoni* vs *Courtois et*, C-632/24 P-R.